# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 43**

**Avviz numru 1543/99/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc gia Guardian Royal Exhange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norman David Tabone u l-istess Norman David Tabone.**

**vs**

**Jonathan Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Ottubru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tliet mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm383.08,0) in kwantu ghal tliet mija u tmien liri tmien centezmi (LM308.08,0) lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u sebghin lira (LM75) lill-attur Norman David Tabone, in linea ta' danni – minnu kagunati u minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Hal-Tarxien fit-23 ta' Marzu 1999 meta waqt li hu kien qed isuq il-vettura numru HAH 742 habat mal-vettura Nru ABG 221 proprjeta' tal-attur Norman David Tabone u misjuqa minnu – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Mejju 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi din l-azzjoni hija preskritta a terminu ta' l-artikolu 2153 tal-kodici civili. Il-fatt kien gara fit-23 ta' Marzu ta' l-1999 u huwa gie notifikat biss ricentement u qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali u konsegwentement stante illi l-azzjoni ma tkoplietx kontra kuraturi mhux applikabbli l-artikolu 2131 tal-Kodici Civili illi jehtieg illi l-proceduri l-attur ikomplihom;**

2. **Din l-azzjoni ghandha tigi dikjarata dezerta stante illi ilha aktar minn sena biex tigi notifikata lill-konvenuti skond l-artikolu 963 tal-Kodici Civili;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma kienx responsabbli tal-kollizjoni in kwistjoni li grat unikament bi htija ta’ Norman David Tabone;**

**4. Illi t-talba ta’ LM383.08,0 hija eccessiva stante illi anke kieku kellu tort, il-hsara kienet biss hsara ta’ entita’ zghira mal-bumper;**

**5. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota ta’ referenzi ta’ l-attur datata t-12 ta’ Dicembru tas-sena 2001 rigwardanti l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;**

**Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata l-14 ta’ Marzu tas-sena 2002 rigwardanti l-istess eccezzjoni minnu sollevata;**

**Rat ukoll is-sentenzi pprezentati mill-partijiet ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-analizi odjern huwa limitat ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari sollevati mill-konvenut:**

**1. Illi l-konvenut eccepixxa preliminarjament is-segwenti:**

**a. Il-preskrizzjoni biennali ta’ l-azzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16;**

**b. Id-dezerzjoni ta’ l-azzjoni ai termini ta’ l-artikolu 963 “*tal-Kodici Civili*”;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward l-ewwel eccezzjoni ghandu jinghad:**

**1. Illi l-incident meritu tal-procedura odjerna sehh fit-23 ta’ Marzu ta’ l-1999;**

**2. Illi l-ewwel darba li l-istess fatti gew gudizzjarjament indirizzati kien permezz ta' ittra ufficcjali datata l-25 ta' Ottubru ta' l-1999;**

**3. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi biex jigi notifikat il-konvenut jirrizulta li kien biss wara sitt tentattivi li l-atturi irnexxielhom jghamlu dan;**

**4. Illi l-interess ta' l-atturi jirrizulta li kien kostanti u dejjem agixxew fit-termini lilhom imposti biex jippromwovu l-azzjoni taghhom in sostenn tad-drittijiet minnhom vantati;**

**5. Illi in-nuqqas tan-notifika tal-konvenut zgur ma jistax jigi attribwit ghalhekk lill-atturi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in oltre huwa wkoll pacifiku li l-gurisprudenza lokali kienet kostatni fil-fatt li sa fejn tippermetti l-ligi l-atti gudizzjarji ghandhom jigu salvati;**

**Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni preliminari hi wkoll respinta;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li tichad iz-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut tordna l-prosegwiment tal-kawza bl-ispejjez provvizorjament kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**